# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' Jannar, 2001**

**Numru 3**

**Rikors Nru. 2763/95GV**

**Nru. 06-01**

**Adrian Busietta f'ismu propju kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' A.B. Holdings Limited u Town Investments Ltd**

**vs**

**Philip O Gatt f'ismu propju kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Resort Hotels Ltd, Resort Hotels Holdings Limited, Rockleys Properties Limited u Finvest International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Talba**

Ir-rikorrent ippremetta li l-intimati kienu gew inibiti b'mandat mahrug fl-10 ta' Novembru, 1995.

Illi b'degriet moghti mill Prim Awla fid-9 ta' Mejju, 1997 il-gestjoni tal-lukanda San Julien ghaddiet f'idejn sekwestratarju gudizzjarju.

Illi recentement l-intimati, bi ksur ta' dawn l-ordnijiet, krew ir-Reef Bar li jifforma parti minn dina l-lukanda lil Stephen England.

**Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li n-vista tal-premess dina l-Qorti tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' Resort Hotels Ltd u tad-diretturi taghha Philip O. Gatt u Mark Gatt.**

**Risposta**

Fir-risposta tieghu **Philip Gatt** pro et noe (fol. 13) rrisponda li l-kumpanija Resort Hotels Ltd ghandha identita' legalment indipendenti mid-diretturi taghha ghalhekk dawn ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hija semplicement allegazzjoni nfondata, billi ebda wiehed mill-intimati ma dahal f'kuntratt lokatizju referut mir-rikorrenti, u di piu' in vjolazzjoni tad-degriet moghti mill-Qorti. Se mai r-rikorrenti ghandhom jesebixxu kwalsiasi dokument li jista b'xi mod jaghti hjiel li sar dak allegat.

**Mark Gatt** (fol. 15) irrisponda li hu personalment mhux responsabbili ghal xi allegat disprezz.

**PROVI**

**Stephen England** fl-affidavit tieghu stqarr li:

*In March 1998 I signed an operations agreement with Resort Hotels Ltd. The company was represented by Mark Gatt who is the son of Philip Gatt. In terms of this agreement I am operating the Reef Bar at the San Julian Hotel, Dragonara Road, St Julians. On signing the agreement I paid the sum of LM20,000 as consideration, to Resort Hotels Ltd. I am also paying a daily sum of LM 45 as daily rent to Resort Hotels Ltd. The contract is for a period of five years… At the time I signed the agreement I was not aware that there was a court order which provided for the running of the San Julian Hotel by a court appointed official and that the company was prohibited from leasing or entering into agreements with respect to the hotel. I also state that neither Philip Gatt nor Mark Gatt ever mentioned anything in this respect.. I also know that there is a restaurant at the San Julian Hotel which is being run at the moment by a Maltese chap. Previously an Italian national was operating the restaurant.*

**Joseph Lagana** xehed li hu direttur tal-Eurochange li ghandha *outlet* go San Julien Hotel. Fil-kumpanija mieghu hemm Mark Gatt it-tifel ta' Philip Gatt. Is-sur Leo Said qed jopera restaurant hemmhekk u l-bar qed imexxieh Stephen England.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti, mhux kontradetti, jirrizulta li l-intimati kisru l-ordnijiet tal-Qorti fuq indikati.

Dwar is-sottomissjoni tal-intimati li personalment m'humiex responsabbili ghal allegat disprezz, il-Qorti tirrileva li l-indoli tal-procedura prezenti hija wahda tali li tirrikjedi li l-persuni responsabbili jkunu mharrkin personalment ankorke' relativament ghal agir jew operat maghmul taht l-isem tas-socjeta' li taghha huma diretturi (ara f'dan is-sens is-sentenza App Demanuele vs Azzopardi et dec 27.6.97).

Ghalhekk hemm lok ghas-segwenti provvediment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tordna lir-Registratur biex zmien xahar mill-lum jibda procediment kontra l-intimati taht l-artikolu 1003A tal-Kap 12 ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti billi dawna ma qaghdux ghall-ordnijiet moghtija lilhom permezz tad-degrieti fuq imsemmija tal-10 ta' Novembru, 1995 u 9 ta' Mejju, 1997.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**